# Is-Sitt Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ.*

Atti 15, 1-2.22-29

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

1F'dak iż-żmien, niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew jgħallmu
lill-aħwa: «Jekk ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa
li ġejja minn Mosè, ma tistgħux issalvaw.»

2Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha magħhom
bis-sħiħ; għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra
minnhom jitilgħu Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq
din il-kwistjoni.

22Imbagħad l-appostli u l-presbiteri, flimkien mal-Knisja kollha,
dehrilhom li kellhom jagħżlu lil xi wħud minnhom u jibagħtuhom
Antjokja ma' Pawlu u Barnaba. Dawn kienu Ġuda, jgħidulu Barsaba,
u Sila, li kienu minn ta' quddiem fost l-aħwa.

23U bagħtu magħhom din l-ittra: «L-appostli u l-presbiteri, ħutkom,
lill-aħwa ta' Antjokja, tas-Sirja u taċ-Ċiliċja, li ġew mill-ġnus;
is-sliem għalikom! 24Aħna smajna li xi wħud min-nies tagħna,
mingħajr ebda ordni tagħna, ġew ħawdukom u qallbulkom
moħħkom bi kliemhom. 25Għalhekk aħna qbilna lkoll bejnietna u
dehrilna li kellna nagħżlu lil xi wħud u nibagħtuhom għandkom
flimkien mal-għeżież tagħna Barnaba u Pawlu, 26nies li ddedikaw
ħajjithom għall-isem ta' Sidna Ġesù Kristu. 27Għalhekk bgħatnielkom
lil Ġuda u 'l Sila, biex jgħidulkom bi kliemhom l-istess ħaġa. 28Għax
lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom





b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ, 29jiġifieri, li titbiegħdu
mill-ikel issagrifikat lill-idoli, mid-demm, mil-laħam tal-annimali
fgati u miż-żwieġ ħażin. Tagħmlu tajjeb jekk tħarsu rwieħkom minn
dawn. Saħħa!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 66 (67), 2-3.5.6 u 8

R/. (ara 3b): Fost il-ġnus Alla wera s-salvazzjoni tiegħu

*jew*

R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

2Ilħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
3Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. R/.

5Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom. R/.

6Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
8Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor! R/.

# Qari II

***L-anġlu wrieni l-Belt il-Qaddisa nieżla mis-sema.***

Apok 21, 10-14.22-23

**Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**

[10]L-anġlu ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt
il-Qaddisa, Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla, [11]bil-glorja
ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra mill-aktar prezzjuża, bħal ġaspru jleqq
daqs il-kristall.

[12]Għandha ħajt kbir u għoli, bi tnax-il bieb fih, u tnax-il anġlu
fil-bibien li fuqhom hemm miktuba ismijiet, l-ismijiet tat-tnax-il tribù
ta' wlied Iżrael. [13]Tlieta minn dawn il-bibien jagħtu għan-naħa tal-
Lvant, tlieta għan-naħa tat-Tramuntana, tlieta għan-naħa
tan-Nofsinhar, u tlieta għan-naħa tal-Punent.

[14]U l-ħajt tal-Belt għandu tnax-il pedament, li fuqhom hemm
it-tnax-il isem tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf.

[22]Ebda tempju ma rajt fiha,
għax il-Mulej hu t-tempju tagħha,
Alla li jista' kollox, u l-Ħaruf.
[23]U l-Belt ma teħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawluha,
għax biex iddawwalha għandha l-glorja ta' Alla,
u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, jgħid il-Mulej;
u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***L-Ispirtu s-Santu jfakkarkom dak kollu li għedtilkom.***

Ġw 14, 23-29

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

F'dak iż-żmien, [23]Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: «Jekk xi ħadd iħobbni,
iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu.
[24]Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu
mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.

[25]Għedtilkom dan meta għadni magħkom. [26]Imma d-Difensur,
l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u
jfakkarkom dak kollu li għedtilkom. [27]Jiena nħallilkom is-sliem;
nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja.
Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'.

[28]Smajtu x'għedtilkom: "Jiena sejjer u nerġa' niġi għandkom." Kieku
kontu tħobbuni, kontu tifirħu li sejjer għand il-Missier, għax
il-Missier hu akbar minni. [29]U għedtilkom dan minn issa qabel ma
jseħħ, biex meta jseħħ temmnu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Meta s-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema tiġi ċċelebrata nhar
il-Ħadd li ġej, illum jistgħu jinqraw it-tieni qari u l-Evanġelju
tas-seba' Ħadd tal-Għid.*